

41995D0001

22.9.2000

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 239/175

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT EŻEKUTTIV
fil-5 ta' Mejju 1995**

dwar politika komuni dwar il-viża

Id-Deċiżjoni li tinsab fil-minuti ta' laqgħa tal-Kummitat Eżekuttiv magħmul fi Brussel fit-28 ta' April 1995.

(SCH/Com-ex (95) PV 1 rev.)

8. Affarijiet oħrajn

Politika dwar il-viża fir-rigward ta' l-Indonesia

Il-Kumitat Eżekuttiv reġa' eżamina l-punt dwar il-politika tal-viża fir-rigward ta' l-Indonesja, li deher fuq l-aġenda tal-kumitat li hu inkarigat bis-segwiment, u ftiehem fuq is-soluzzjoni li ġejja, li se tapplika temporanjament u eċċezjonalment.

1. Applikazzjonijiet għall-viża minn Indonesjani li stqarru li għandhom ħsieb jidħlu jew jivvjaġġaw fit-territorju nazzjonali tal-Portugall.
 - għandhom ikunu soġġetti għal kunsultazzjoni minn qabel; Indonesjani jistgħu jidħlu fit-territorju Portugiż biss jekk ikunu rċevew awtorizzazzjoni uffiċjali mill-Istat Portugiż.
2. Applikazzjonijiet għall-viża minn Indonesjani li qalu li huma ma għandhomx intenzjoni li jidħlu jew jivvjaġġaw fit-territorju nazzjonali tal-Portugall.
 - ma għandhomx bżonn konsultazzjoni minn qabel. F'każijiet bħal dawn, sabiex jiġi żgurat li persuni ta' nazzjonalità Indonesjana ma jistgħux jivvjaġġaw liberament fil-Portugall, l-Istati tas-Schengen l-oħra għandhom joħorġu viża b'validità territorjali limitata li tawtorizza lil dak li għandu din il-viża li jidħol f'wieħed jew ħafna mit-territorji tal-Partijiet Kontraenti bl-eċċezzjoni għat-territorju Portugiż.

Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jerġa' jeżamina din il-kwistjoni fl-aħħar tas-sena.